MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2012

Appell Civili Numru. 668/2010/1

**Michael Scicluna**

**v.**

**Suprintendent tas-Sahha Pubblika bhala Awtorita` dwar il-Licenzjar u l-istess Awtorita` dwar Licenzjar**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li l-attur ressaq fil-5 ta' Lulju 2010, li jaqra hekk:

"1. Illi ghal ghexieren ta' snin ir-rikorrenti kellu pendenti mal-intimati applikazzjoni bir-referenza

SR/Pharm/3/87 ghall-hrug ta’ licenzja ghal spizerija gdida fil-fond numru 7, fit-Triq is-Santwarju, Zabbar, liema licenzja fil-fatt giet approvata u ffirmata mill-intimati u, bhala rizultat ta’ dan, f’Novembru 2009, l-imsemmija spizerija gdida bl-isem moghti ta’ *Mediatrix Plus* tpoggiet fuq ir-roster ufficjali tal-ispizeriji;

“2. Illi b’sorpriza, l-intimati sussegwentement nehhew l-istess spizerija minn fuq ir-roster ufficjali u permezz ta’ ittra tas-6 ta' April 2010 (Dok. MS1) informa lir-rikorrenti li l-licenzja effettivament ma kienitx ser tohrog;

“3. Illi l-intimati ittentaw jiggustifikaw l-agir taghhom billi stqarrew li operaturi kompetituri tal-esponenti kienu pprotestaw kontra l-hrug tal-licenzja a bazi ta’ allegazzjoni li ma kienx hemm id-distanza statutorja ta’ “tliet mitt metru bil-pass” (Regolament 4(1), A.L. 279 tal-2007) bejn l-ispizerija taghhom u dik tal-esponenti. In segwitu ghal dan l-ilment u taht pressjoni mill-Kamra tal-Ispizjara u mill-General Retailers’ and Traders’ Union (GRTU) l-intimati ddecidew li ma jattwawx l-effetti tal-licenzja precedentement gia` approvata minnhom;

“4. Illi l-esponenti sostna l-pozizzjoni meqjusa tieghu li r-rotta bil-pass bejn l-ispizerija l-gdida u l-ispizeriji l-ohra f’Haz-Zabbar tissodisfa d-distanza ta’ tliet mitt (300) metru inkwantu r-rotta bil-pass trid tkun dik li **kull** *pedestrian* ikun jista’ jsegwi;

“5. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-iskop tal-ligi li timponi distanza bejn spizerija u ohra hija anke fil-fehma tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (sentenza fl-atti tar-rikors guramentat numru /2010), li tifrex l-ispizeriji biex ir-residenti jsibu dejjem spizerija kemm jista jkun vicin taghhom, u mhux biex jigu agevolati l-interessi finanzjarji tas-sidien tal-ispizeriji;

“6. Illi d-decizjoni tal-intimati li ma jattwawx l-effetti tal-licenzja gia` approvata minnhom hija wahda ghal kollox arbitrarja, mhux ragjonevoli f’socjeta` demokratika, u xejn trasparenti u tali agir da parti tal-intimati huwa illegali u *ultra vires*, u r-rikorrenti interpellahom ufficjalment

sabiex fiz-zmien ghaxart'ijiem (10) mill-ittra ufficjali (Dok. MS2) jikkonfermaw il-hrug tal-licenzja msemmija u jattwaw l-effetti tal-istess u dan ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi a tenur tal-Artikolu 460(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

"7. Illi peress li l-intimati qeghdin jipprocessaw applikazzjoni ta' terzi u kienu jkunu fil-process li japprovaw u johorgu licenzja ghal spizerija gdida fl-istess lokalita` taz-Zabbar li mhix dik tar-rikorrenti, l-istess rikorrenti talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati li permezz tieghu din l-Onorabbli Qorti zammithom milli japprovaw, johorgu jew jirrilaxxjaw kwalunkwe permess jew licenzja lil terzi ghall-ftuh ta' spizerija jew spizeriji godda fil-lokalita` ta' Haz-Zabbar;

"Ghaldaqstant, jghidu l-intimati jew min minnhom ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista' tkun necessarja:

"1. Tiddikjara li l-licenzja approvata mill-intimati in segwitu ghal applikazzjoni tar-rikorrenti bir-referenza SR/Pharm/3/87 hija valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi inkwantu hija in ottempranza mal-kriterji tal-ligi u tissodisfa l-interessi tal-komunita` li ghalihom giet promulgata l-istess ligi;

"2. Tordna lill-intimati biex fi zmien qasir u perentorju jattwaw l-effetti kollha tal-imsemmija licenzja billi jikkonsenjaw l-istess licenzja lir-rikorrenti u jippermettu l-ftuh tal-ispizerija *Mediatrix Plus* fil-fond numru 7, fi Triq is-Santwarju, Zabbar.

"Bir-riserva ghal kull azzjoni fil-ligi inkluza dik ghal danni u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Mejju 2010 u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 906/10 JRM kontra l-intimati, ngunti ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Illi preliminarjament it-talba tar-rikorrent sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara l-licenzja bhala wahda valida m'ghandhiex tintlaqgha u dan stante illi tali talba tikkomporta illi l-Qorti tevalwa hija l-applikazzjoni tar-rikorrent kif ukoll il-kriterji mitluba mil-ligi, meta fil-fatt l-unika awtorita` vestita bil-ligi b'dan ir-rwol hija l-intimat u ghalhekk tali talba ghandha tigi michuda.

"2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal premess huwa l-intimat illi jiddeciedi illi jikkonsenja o meno licenzja u dan a bazi tal-evalwazzjoni illi jaghmel tal-kriterji mitluba mil-Ligi. Tali diskrezzjoni hija vestita unikament fl-intimat u ghalhekk it-tieni talba ghandha wkoll tigi michuda stante illi l-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni u gudizzju tal-intimat b'taghha.

"3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess ma jistax jinghad illi d-decizjoni tal-intimat illi ma jaffettwax l-effetti ta' licenzja approvata hija decizjoni arbitrarja stante illi sakemm id-dokument ta' licenzja ma jinghatax lil min ikun qed jippretendieh, tali dokument ma jkunx igorr l-effetti li solitament ikollha licenzja. Il-fatt illi d-dokument kien iffirmat imma kien ghadu fil-pussess tal-intimat l-istess dokument kien ghadu m'akkwistax il-kwalita` tieghu ta' licenzja u r-rikorrent ma setax igawdi milli effetti ta' tali dokument stante illi l-istess kien ghadu ma ghaddiex fil-pussess tieghu.

"4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess id-decizjoni tal-intimat kienet dipendenti fuq dikjarazzjoni tar-rikorrent illi sussegwentement irrizultat zbaljata.

"5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess id-dikjarazzjoni rigward distanza kellha ssir mir-rikorrent u ghalhekk kien jaspetta lilu illi jaghmel accertament akkurat tad-distanza effettivament ezistenti bejn il-fond u z-zewg spizeriji tal-vicin.

"6. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess fi kwalunkwe kaz anke jekk ghal grazzja tal-argument kellu jigi accettat illi l-intimat kellu jattwa l-effetti

tal-licenzja l-fatt illi l-kriterju tad-distanza eventwalment irrizulta mhux sodisfatt, l-istess intimat ghandu d-diskrezzjoni illi jirrevoka tali licenzja u dan ai termini tal-Artikolu 72 tal-Att dwar il-Medicini u ghalhekk fl-ahhar kien ser ikun hemm l-istess rizultat.

"7. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess id-decizjoni tal-intimat illi ma jaghtix il-licenzja lir-rikorrent ma tistax titqies bhala decizjoni arbitrarja u dan in vista tal-fatt illi tali decizjoni ttiehdet wara li l-intimat tramite l-Awtorita` dwar il-Medicini u l-perit tal-Gvern kif ukoll espert indipendenti ghamel verifiki sabiex jiddetermina jekk l-ilmenti mressqa mill-GRTU, il-kamra tal-Ispizjara kif ukoll iz-zewg spizeriji tal-vicin kienux fondati. Di piu` l-fatt illi l-intimat ghamel tali evalwazzjoni wara li tressqu l-ilmenti jfisser illi huwa kien strah fuq il-buona fede tar-rikorrent izda mbaghad kellu l-obbligu illi jinvestiga galadarba tressaq id-dubbju."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Lulju 2011, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

"**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** billi ssib li ma kien hemm l-ebda raġuni tajba għaliex id-deċiżjoni milħuqa mill-imħarrek biex tinħareġ il-liċenza għal spiżerija fil-post numru sebgħa (7), Triq is-Santwarju, Ħaż-Żabbar, fuq talba tal-attur (SR/Pharm/3/87), kellha titreġġa' lura u li r-raġunijiet miġjuba mill-istess imħarrek fl-ittra tiegħu lill-attur tas-6 ta' April, 2010, ma humiex raġunijiet tajbin fil-liġi biex dik il-liċenza ma tinħariġx;

"**Tilqa' t-tieni talba attriċi** fis-sens u sal-limiti stabiliti minn dik ta' qabilha b'dan li tqis li m'għandu jkun hemm l-ebda dewmien mhux mistħoqq biex id-deċiżjoni diġa' milħuqa mill-imħarrkin dwar il-ħruġ tal-liċenza għal spiżerija mitluba mill-attur titwettaq u tinġab fi tmiemha u hu jkun jista' jiftaħ u jħaddem l-ispiżerija li dwarha ntalbet il-liċenza;

"**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** kollha, proċedurali u fil-mertu, tal-imħarrkin għaliex mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

"**Tordna** li l-imħarrkin iħallsu l-**ispejjeż kollha tal-kawża.**"

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur jgħid li l-imħarrkin naqsu li jgħaddulu f'idejh liċenza biex jiftaħ spiżerija bosta snin wara li ressaq talba għall-ħruġ tagħha u wara li kienet diġa' ttieħdet deċiżjoni biex it-talba tiegħu tintlaqa'. Irid li l-Qorti ssib li d-deċiżjoni li kienet ittieħdet biex tingħatalu l-liċenza kienet tajba u li ma hemm l-ebda raġuni għaliex ma titwettaqx. Talab li l-imħarrkin jingħataw żmien biex jikkonsenjawlu l-liċenza mitluba;

"Illi l-imħarrkin laqgħu kemm b'eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari dwar is-siwi tat-talbiet attriċi kif imfassla u dwar jekk il-Qorti għandhiex is-setgħa li twettaq hi d-diskrezzjoni li l-liġi tagħtiha lill-awtorita' mħarrka biss. Laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu, billi qalu li kien hemm raġuni tajba għaliex il-liċenzja ma ngħatatx lill-attur, li ħtija ta' dan kien it-tagħrif mhux tajjeb li tahom l-attur innifsu, u li d-deċiżjoni kellha tinbidel wara li sarulhom rappreżentazzjonijiet minn partijiet interessati u wara li saru l-aċċertamenti u ttieħdu l-pariri meħtieġa;

"Illi l-fatti li joħroġu mill-atti tal-kawża juru li fid-9 ta' Settembru tal-1987[1], l-attur talab li tinħariġlu liċenza biex jiftaħ spiżerija ġdida fil-post numru 7, Triq is-Santwarju, Ħaż-Żabbar. Il-post fih ukoll klinika li fiha jservi tabib. L-attur huwa sid dak il-post, iżda jikri parti minnu bħala klinika medika[2]. F'Diċembru tal-1988, huwa kien ressaq talba oħra għall-liċenza għall-ftuħ ta' spiżerija fl-istess post[3], iżda t-talba tal-attur ma kinitx intlaqgħet (bla ma tissemma raġuni) b'ittra tal-21 ta' Frar, 1989[4];

"Illi fl-inħawi hemm żewġ spiżeriji oħra bl-isem ta' "*Mayday Pharmacy*" li tinsab fin-numru 28, Triq il-Vittorja, u l-oħra

[1] Dok f'paġġ. 308 sa 310 tal-proċess
[2] Xhieda tiegħu 2.9.2010, f'paġ. 70 tal-proċess
[3] Dok f'paġġ, 298 sa 301 tal-proċess
[4] Dok f'paġ. 296 tal-proċess

bl-isem ta' "*Felice Pharmacy*", fin-numru 105, Triq is-Santwarju, it-tnejn li huma f'Ħaż-Żabbar;

"Illi fi Frar tal-2008[5], l-Awtorita' imħarrka bagħtet tgħarraf li kienet daħlet regolamentazzjoni ġdida b'liġi dwar l-ispiżeriji, u tagħtu xahar żmien biex jgħarrafha jekk kienx għadu interessat aktar għall-ħruġ tal-liċenza li kien talab f'Settembru tal-1987. F'Mejju tal-2008[6], id-Direttur tal-Ispettorat bagħat jitlob lill-attur biex jibgħatlu xi tagħrif skond ma jridu r-Regolamenti fi żmien sittin (60) jum mid-data tal-ittra[7]. Matul ix-xahar ta' Ġunju tal-2008, inħareġ ir-rapport favorevoli mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilita'[8]. F'Awissu tal-2008, il-perit arkitett imqabbad mill-attur bagħat it-tagħrif tekniku li kien intalab, safejn dan kien inkiseb[9]. F'Settembru tal-2008, tressqet talba ġdida mal-M.E.P.A. dwar bidliet fil-bini u bdil ta' l-użu tal-post[10]. Matul l-istess xahar, l-attur iddikjara mal-Awtorita' mħarrka, għall-finijiet tal-liġi[11], li hu ma kellu l-ebda liċenza oħra biex iżomm spiżerija f'xi belt jew raħal ieħor f'Malta, li ma kien hemm l-ebda tabib, dentist jew tabib veterinarju li kellu xi sehem jew interess fil-post li dwaru ntalbet il-liċenza, u wkoll li jekk kemm-il darba jingħata l-liċenza mitluba, kien lest li jieħu sehem f'kull skema nazzjonali ta' tqassim ta' mediċini li l-Ministru jista', minn żmien għal żmien, iniedi[12];

"Illi fis-6 ta' Marzu, 2009[13], id-Direttur tal-Awtorita' mħarrka bagħat jitlob lill-attur biex jistaqsih fiex kien wasal il-proċess tal-ħruġ tal-permess għall-iżvilupp tal-post u tah sa l-aħħar ta' dak ix-xahar biex iwieġeb biex it-talba tiegħu gġall-ħruġ tal-liċenza sata' jissokta. F'Mejju tal-2009, id-Direttur tal-Awtorita' mħarrka reġa' bagħat jgħarraf lill-attur li, ladarba kien naqas li jagħti t-tagħrif kollu mitlub fl-ittra tagħha tas-sena ta' qabel, "*we cannot proceed further with your application, which henceforth will be considered as*

5 Dok f'paġ. 293 tal-proċess
6 Dok "AG1", f'paġġ. 25 – 6 tal-proċess
7 A.L. 279/09 (L.S. 458.16)
8 Dok "MC4", f'paġġ. 47 sa 51 tal-proċess
9 Dok "MC1", f'paġġ. 37 – 8 tal-proċess
10 Dok f'paġ. 268 tal-proċess
11 Regg. 3(2)(3), 5(1)(2) u 8 tal-A.L. 279/07
12 Dokti. f'paġġ. 272 – 5 tal-proċess
13 Dok f'paġ. 262 tal-proċess

*no longer valid*" [14]. L-attur wieġeb erbat ijiem wara u aġġorna l-qagħda[15]. Il-permessi biex isir l-iżvilupp u l-bdil tal-użu tal-post għal spiżerija nħarġu mill-Awtorita' kompetenti f'Settembru tal-2009[16]. Minkejja l-ittra li kienet intbagħtet f'Mejju, saret ukoll spezzjoni fuq il-post minn uffiċjali tal-Awtorita' mħarrka xi xahrejn wara[17] u l-Awtorita' kienet talbet ukoll xi żidiet li kellhom isiru fil-post[18];

"Illi fl-24 ta' Novembru tal-2009, l-Awtorita' mħarrka ħarġet ir-*roster* uffiċjali għat-tqassim tal-ispiżeriji f'Malta fil-Ħdud u l-btajjel pubbliċi għas-sena 2010, u f'dan ir-*roster* inkludiet l-ispiżerija tal-attur. L-ewwel darba li kien imissha tiftaħ kellu jkun fix-xahar ta' Frar tal-2010. L-attur kien għażel ukoll u ippropona l-ismijiet ta' żewġ spiżjara li kellhom jattendu fl-ispiżerija tiegħu hekk kif tinfetaħ[19];

"Illi sadattant, rappreżentanti taż-żewġ spiżeriji – *Felice Pharmacy* u *Mayday Pharmacy* – kienu ressqu l-oġġezzjoni tagħhom għall-ħruġ tal-liċenza favur l-attur[20]. Jidher li kien hemm rappreżentazzjonijiet ukoll kemm mill-Kamra tal-Ispiżjara u kif ukoll mill-G.R.T.U[21] kontra l-ħruġ tal-imsemmija liċenza[22]. Meta persuna f'isem l-attur għaddiet għand l-Awtorita' biex jiġbor il-liċenza, għarrfuha li kienet qiegħda ssir verifika dwar il-bogħod tal-post tiegħu mill-imsemmija spiżeriji fid-dawl tal-oġġezzjonijiet li kienu tressqu u għarrfuha li kellhom javżawha aktar 'il quddiem bid-deċiżjoni aħħarija dwar il-ħruġ tal-liċenza;

"Illi fil-bidu ta' Diċembru, 2009, l-avukati tal-attur kitbu lill-Awtorita' mħarrka biex jilmintaw minn dan[23]. Aktar tard matul l-istess xahar, l-avukati tal-attur reġgħu kitbu lid-Direttur tal-Awtorita' mħarrka biex ifiehmuh kif l-attur kien qies il-kejl tat-tlitt mitt metru mill-eqreb spiżerija[24]. Aktar tard dak ix-xahar, ftit jiem qabel il-Milied, reġgħet saret

[14] Dok f'paġ. 252 tal-proċess
[15] Dok f'paġ. 251 tal-proċess
[16] Dok "MC3", f'paġġ. 44 – 6 tal-proċess
[17] Xhieda ta' Audrey Gauċi 2.9.2010, f'paġġ. 56 – 7 tal-proċess
[18] Dok f'paġ. 213 tal-proċess
[19] Dok f'paġġ 198 sa 207 u 210 tal-proċess
[20] Dokti f'paġġ. 119 sa 128 tal-proċess
[21] Dok f'paġ. 152 tal-proċess
[22] Dok f'paġ. 90 tal-proċess
[23] Dok "AG7", f'paġġ, 35 – 6 tal-proċess
[24] Dok "AG5", f'paġġ. 30 – 1 tal-proċess

spezzjoni oħra fl-inħawi biex isiru l-verifiki dwar il-bogħod: f'din l-ispezzjoni kien preżenti wkoll id-Direttur tal-Awtorita' mħarrka Mark Ċilia;

"Illi f'Marzu tal-2010[25], l-imħarrkin qabbdu avukat biex tagħtihom il-fehma esperta tagħha dwar il-bogħod mitlub. Hija waslet għall-fehma li l-post tal-attur ma kienx iħares il-bogħod mitlub mil-liġi dwar l-ebda waħda miż-żewġ spiżeriji li kienu oġġezzjonaw għall-ħruġ tal-liċenza. L-Awtorita' mħarrka kienet qabbdet ukoll perit arkitett biex jagħmel il-kostatazzjonijiet meħtieġa;

"Illi b'ittra tas-6 ta' April, 2010[26], l-imħarrek għarraf lill-attur li ma setax joħroġlu l-liċenza mitluba għaliex, "*after taking expert legal advice in said matter, it was considered that the prerequisite – as per regulation 6(c) of Legal Notice 279 of 2007 (Pharmacy Licence Regulations) – of not less than 300 metres walking distance between the proposed premises at 7, Sanctuary Street, Zabbar, and Mayday pharmacy and Felice pharmacy in Zabbar*". Ġimgħa wara[27], l-avukati tal-attur kitbu lill-imħarrek biex jitolbuh ifissrilhom fuq liema bażi kien wasal għal dik id-deċiżjoni, u dan weġibhom permezz tal-avukat dipartimentali fit-23 ta' April, 2010[28], fejn stednithom jirtiraw kopja tal-konsult legali tal-avukat imqabbad mill-Awtorita' mħarrka;

"Illi fit-28 ta' Mejju, 2010[29], l-attur interpella lill-imħarrek u lill-Avukat Ġenerali b'ittra uffiċjali għall-finijiet tal-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u talabhom jikkonfermawlu li l-liċenza li kienet approvata sejra tinħariġlu;

"Illi fit-2 ta' Ġunju, 2010, l-attur ressaq talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-imħarrkin biex jitlob li dawn jinżammu milli japprovaw, joħorġu jew jirrilaxxaw kwalunkwe permess jew liċenza għall-ftuħ ta' spiżerija lil terzi bi ħsara għat-talba tiegħu biex jingħata l-liċenza li

[25] Dok "AG6", f'paġ. 32 – 4 tal-proċess
[26] Dok "MS1", f'paġ. 5 tal-proċess
[27] Dok f'paġ. 94 tal-proċess
[28] Paġ. 93 tal-proċess
[29] Dok "MS2", f'paġ. 6 tal-proċess

kien talab fl-1987. It-talba ntlaqgħet b'degriet ta' din il-Qorti tat-28 ta' Ġunju, 2010[30];

"Illi fil-5 ta' Lulju, 2010, infetħet din il-kawża;

"Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ. Dawn il-konsiderazzjonijiet iridu jsiru fil-parametri dikjarati ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju u jridu jieħdu wkoll qies tat-talbiet attriċi u safejn talbiet bħal dawk jistgħu jintlaqgħu kif magħmula;

"Illi l-Qorti tibda biex tosserva li l-mod kif inhuma mfasslin uħud mill-eċċezzjonijiet tal-imħarrkin ma jixraqx lil min ressaqhom u fl-istess waqt iqis lilu nnifsu bħala uffiċjal tal-Qorti. Dan jingħad b'riferenza għall-ewwel żewġ paragrafi u wkoll is-sitt paragrafu tat-Tweġiba Maħlufa (li wkoll ma ħarsitx dak mitlub fil-liġi dwar il-forma ta' att ġudizzjarju bħal dak[31]). Bil-kliem tagħhom, il-Qorti ngħatat x'tifhem li l-imħarrek jista' jqis ruħu 'l fuq mil-liġi jew li waħdu jaf ifissirha, jew li, f'każ li se' joħroġ li l-attur għandu raġun, hemm dejjem il-possibilita' li dak li tordna l-Qorti jista' jħassru l-imħarrek b'daqqa ta' pinna. L-awtorita' pubblika – sewwasew għaliex hija awtorita' li trid tħares l-interess pubbliku – ma jixirqilhiex tpinġi lilha nnifisha bħallikieku ma jmisshiex toqgħod għall-iskrutinju tal-Qrati. Min-naħa l-oħra, din il-Qorti m'għandha l-ebda ħajra li twettaq xogħol l-imħarrkin jew li tindaħlilhom fejn ma jesagħhiex;

"Illi tnejn huma t-talbiet tal-attur f'din il-kawża: l-ewwel waħda hi talba biex il-liċenza li kienet inħarġet, u li wara treġġgħet lura, titqies li kienet għadha fis-seħħ u li ma kienx hemm raġuni tajba għaliex kellha titreġġa' lura. It-tieni talba trid li l-imħarrkin jattwaw l-effetti kollha tal-liċenza maħruġa, u dan billi lill-attur jikkonsenjawlu l-imsemmija liċenza u jħalluh jiftaħ l-ispiżerija fil-post tiegħu;

"Illi **għal dak li jirrigwarda l-ewwel talba attriċi**, l-imħarrkin jeċepixxu li talba bħal din tikkostitwixxi ndħil fis-setgħat tagħhom, għaliex iqisu li bis-saħħa tagħha l-Qorti

---

[30] Paġġ. 28 sa 33 tal-Atti tal-Mandat Nru. 906/10JRM
[31] Art. 158(3)(ċ) tal-Kap 12

se' tkun hi li tqis it-talba tal-ħruġ tal-liċenza fuq id-diskrezzjoni li l-liġi tagħti biss lilhom;

"Illi l-Qorti jidhrilha li l-imħarrkin ma għarfux jaraw sewwa x'tgħid l-ewwel talba tal-attur. Dik it-talba m'hijiex qiegħda tistieden lill-Qorti biex toħroġ hi l-liċenza mitluba mill-attur, iżda biex issib biss li dik il-liċenza li kienet inħarġet (naturalment, wara li saru l-aċċertamenti xierqa u ntużat id-diskrezzjoni kollha amministrativa li l-imħarrkin bir-raġun huma mistennija li jeżerċitaw b'ħaqq, tul iż-żmien kollu li ħadu biex waslu għall-fehma tagħhom) titqies li kienet għadha tgħodd. Fi kliem ieħor, dak li l-attur jilminta minnu huwa d-deċiżjoni li ttieħdet biex tirtira jew treġġa' lura d-deċiżjoni favorevoli għalih li kienet ittieħdet qabel;

"Illi huwa minħabba f'hekk li l-ewwel eċċezzjoni ma tistax tintlaqa' bħala waħda tajba. Din il-Qorti, kif diġa' qalet aktar qabel, tagħraf safejn huma s-setgħat tagħha li tistħarreġ għemil amministrativ u x'inhuma r-rimedji li tista' tagħti jew tordna jekk issib xi nuqqas. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tagħmel tagħha l-fehma tal-Qorti tal-Appell Ċivili li, f'sentenza li wkoll kellha x'taqsam ma' ħruġ ta' liċenza ta' spiżerija (każ ta' rilokazzjoni), seħqet li: "f'każ li l-qrati ordinarji jiġu mitluba jistħarrgu għemil amministrattiv, il-kompetenza tagħhom hi limitata biex tordna li tittieħed deċiżjoni jew biex tħassar dik l-istess deċiżjoni, pero` <u>ma jaslu qatt biex huma stess jieħdu d-deċiżjoni minflok l-awtorita` kompetenti</u>. Jekk liġi tvesti diskrezzjoni f'xi awtorita`, hija dik l-awtorita` li trid tuża dik id-diskrezzjoni u tieħu d-deċiżjoni; jekk id-deċiżjoni li tittiehed tiġi mħassra, il-kwistjoni tiġi rimessa mill-ġdid lill-awtorita` biex dik tieħu d-deċiżjoni tagħha kif suppost u fit-terminu tal-kunsiderazzjonijiet kollha rilevanti. Jekk l-awtorita` ma tiħux deċiżjoni, tista' tiġi mġiegħla tagħmel dan, u jista' jiġi indikat lilha li r-raġunijiet għaliex kienet qed tittituba milli tieħu deċiżjoni ma kinux relevanti; pero`, finalment, hija dik l-awtorita` li trid tieħu d-deċiżjoni mhux il-Qorti. Hekk fil-kawża '***Grech v. Ministru tax-Xogħlijiet et***' deċiża minn din il-Qorti (diversament komposta) fid-29 ta' Jannar 1996 intqal illi: "*... il-Qrati, fil-funzjoni tagħhom ta' judicial review tal-operat tal-Eżekuttiv, għandhom iva d-dritt li jiddeċiedu li att partikolari tal-Eżekuttiv ikun null u*

*bla effett, iżda m'għandhom qatt id-dritt li jissostitwixxu d-diskrezzjoni riżervata lill-Eżekuttiv b'dik tagħhom.*" Hekk ukoll fil-każ aktar riċenti '***Borda v. Ellul Micallef***' deċiża minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju, 2009, ġie osservat li, filwaqt li dawn il-qrati jistgħu jissindikaw l-operat ta' kwalsiasi tribunal amministrattiv jew organu ieħor b'poteri ġudizzjarji jew kważi-ġudizzjarji, u li l-awtorita` li hija mogħnija b'diskrezzjoni tista' tiġi ordnata teżerċita dik id-diskrezzjoni f'każ li tkun naqset li tagħmel dan, l-istess awtorita` ma tistax tiġi dettata x'għandha tiddeċiedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari"[32];

"Illi, madankollu lanqas ma għandu jkun hemm dubju li, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, kien hemm waqt u ħin meta l-imħarrek kien qatagħha li lill-attur joħroġlu l-liċenza li kien talab[33]. Dan joħroġ ċar ukoll minn dokument eżebit li jgħid (b'riferenza għall-post tal-attur) li "*a new pharmacy licence **has been issued** in Żabbar (Mediatrix Plus Pharmacy, Sanctuary Street, Żabbar)* ***with effect from 1st. December, 2009***"[34]. Minkejja li dak id-dokument kien ġenerat mill-Kamra tal-Ispiżjara, l-imħarrkin ma merewhx[35], iżda żammew biss il-konsenja tal-liċenza lill-attur sakemm stħarrġu huma l-ilmenti li kienu nqalgħu mal-pubblikazzjoni tar-*roster*. Jirriżulta wkoll li ċ-ċertifikat tal-liċenza kien saħansitra tħejja u ngħata numru progressiv – DL 113 – għal żmien sena bejn l-ewwel ta' Diċembru, 2009 u l-wieħed u tletin ta' Diċembru, 2010[36], u kien iġib il-firma tal-imħarrek. Iżda, wara li kien hekk iffirmat minnu, dak iċ-ċertifikat kien ingassat b'kumment miktub fuqu "*not to be issued*" u li wkoll kellu l-inizzjali tal-istess imħarrek[37];

"Illi l-Qorti ma tistax taqbel mal-imħarrek meta jgħid li liċenza jitqies li tkun tassew inħarġet biss meta l-applikant ikun ingħata f'idejh id-dokument taċ-ċertifikazzjoni nnifisha tal-istess liċenza. Filwaqt li l-proċess li jwassal għad-

---

[32] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika noe et***
[33] Affidavit ta' Mark Ċilia f'paġ. 321 tal-proċess
[34] Dok f'paġ. 129 tal-proċess
[35] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 349 tal-proċess
[36] Dok f'paġ. 197 tal-proċess
[37] Affidavit tal-imħarrek f'paġ. 323 tal-proċess

deċiżjoni jekk liċenza mitluba tingħatax jew le jaf ikun imqassam f'għadd ta' fażijiet li ma jfissrux tabilfors li t-talba sejra tintlaqa', il-Qorti hija tal-fehma li meta mbagħad tkun ittieħdet deċiżjoni li l-liċenza tinħareġ, dak l-istadju jkun għadda f'fażi determinanti li ma tibqax aktar sempliċi ipoteżi. Dan jidher li għarfitu wkoll il-Kamra tal-Ispiżjara, meta lmentat mill-ħruġ tal-liċenza favur l-attur u talbet li dak il-ħruġ jitreġġa' lura. Ma tistax treġġa' lura xi ħaġa li ma tkunx teżisti. Jidher ukoll li l-Awtorita' mħarrka nnifisha qieset li l-ħruġ tal-liċenza kien fatt stabilit, għaliex isem l-ispiżerija tal-attur tqiegħed fir-*roster* tal-ispiżeriji li jiftħu fil-Ħdud u l-btajjel;

"Illi, għalhekk, jekk kemm-il darba l-imħarrek – wara li tressqulu l-ilmenti miż-żewġ spiżeriji fil-qrib u wkoll mill-Kamra tal-Ispiżjara – qatagħha li jissospendi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tiegħu biex jirrevedi l-ilmenti msemmija, dan kien effettivament qiegħed jikkonferma li l-proċess diskrezzjonarju dwar jekk tintlaqax jew le t-talba għall-ħruġ tal-liċenza kien inqabeż. Huwa sewwasew dan li l-ewwel talba attriċi qiegħda titlob li l-Qorti tistħarreġ;

"Illi, kif sewwa jargumenta l-attur fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu[38], l-istat ta' persuna liċenzjata huwa wieħed, u dan b'seħħ minn dak il-ħin li l-awtorita' kompetenti tkun qatgħetha li toħroġha. Fil-fehma tal-Qorti, iċ-ċirkostanza tal-konsenja tal-liċenza lill-persuna li tkun applikat għaliha hija biss il-konferma tal-imsemmija deċiżjoni u mhux il-ġrajja kostitutiva tagħha. Fid-dawl ta' din il-fehma, l-Qorti tqis li, f'xi żmien, l-attur kienet inħarġitlu l-liċenza li kien talab u, f'xi żmien wara, kienet ittieħdet deċiżjoni li l-konsenja lilu taċ-ċertifikat tagħha jinżamm;

"Illi għalhekk, kif trid l-ewwel talba attriċi, din il-Qorti trid tara jekk kemm-il darba ntweriex li hemm raġuni tajba għaliex dik il-konsenja ma ssirx jew jekk kienx hemm raġuni tajba biex id-deċiżjoni li ttieħdet meta nħarġet il-liċenza kellhiex titreġġa' lura;

[38] Paġ. 331 tal-proċess

“Illi mill-atti jidher sewwa li l-kwestjoni waħdanija li wasslet għall-ftuħ tal-proċeduri tal-kawża tal-lum u tal-Mandat kawtelatorju qabilha hija dik dwar il-bogħod tal-post tal-attur miż-żewġ spiżeriji l-oħrajn li ressqu l-oġġezzjoni għall-ħruġ tal-liċenza favurih. Dan joħroġ ukoll mid-dikjarazzjoni magħmula mill-imħarrek waqt is-smigħ tas-6 ta’ Settembru, 2010. Fuq kollox, hemm xhieda li turi li, għajr għal dik il-kwestjoni, l-attur kien wettaq dak kollu li kien intalab jagħmel dwar il-post minn kull awtorita’ kompetenti biex setgħet tinħariġlu l-liċenza li kien ilu tant snin jistenna[39];

“Illi l-Qorti qiegħda tqis ukoll li d-deċiżjoni amministrativa li hija l-mertu ta’ din il-kawża tikkonsisti f’dak li hemm miktub fl-ittra tal-imħarrek mibgħuta lill-attur fis-6 ta’ April, 2010 (ukoll jekk din għarrfet lill-attur li t-talba tiegħu għall-ħruġ ta’ liċenza ġdida ma kinitx intlaqgħet, meta l-fatti juru li, f’xi żmien qabel, dik it-talba kienet intlaqgħet). Hija dik l-ittra li, għall-ewwel darba, wriet lill-attur li kienet ittieħdet deċiżjoni dwar it-talba tiegħu, u kif ukoll l-ewwel dokument fejn jissemmew ir-raġunijiet li fuqhom kienet ittieħdet dik id-deċiżjoni;

“Illi minn kliem espress tal-ittra li l-imħarrek bagħat lill-attur f’April tal-2010, jidher li tnejn kienu r-raġunijiet mogħtija biex juru għaliex il-liċenza minnu mitluba ma kinitx sejra tinħariġlu. L-ewwel raġuni kienet li l-post ma kienx jaqbel ma’ dak li jippreskrivi r-Regolament 6 tal-Avviż Legali 279 tal-2007; filwaqt li t-tieni raġuni (b’xi mod ukoll marbuta mal-ewwel waħda) kienet li l-post tal-attur ma jinsabx minn tal-anqas tliet mitt metru ’l bogħod bil-mixi mill-eqreb spiżerija;

“Illi l-Qorti tqis li, safejn id-deċiżjoni tal-imħarrek li ma joħroġx il-liċenza lill-attur kienet imsejsa fuq id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 6 tal-imsemmi Avviż Legali, dik id-deċiżjoni hija ħażina billi tinbena fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti li jirreferu għal dispożizzjoni tal-liġi li ma tgħoddx għall-każ. Għalkemm dak ir-Regolament jitkellem, fost ħwejjeġ oħra, dwar

[39] Xhieda tal-A.I.Ċ. Mark Camilleri 2.9.2010, f’paġġ. 76 – 9 tal-proċess

bogħod minn spiżerija għal oħra qribha, l-istess Regolament jirreferi għall-każijiet fejn sid ta' spiżerija jitlob li jġorr (liċenza ta') spiżerija **eżistenti** minn post għal ieħor (il-liġi tuża l-kelma "*rilokazzjoni*") u mhux fejn sid ta' post jitlob li tinħareġ **liċenza ġdida** għal spiżerija f'post li qatt qabel ma kien reġistrat jew liċenza bħala spiżerija. It-tifsira ta' "*rilokazzjoni*" fl-imsemmija Regolamenti tgħid li dik il-kelma "*tfisser it-trasferiment tal-fond ta' spiżerija minn post f'lokalita' għal xi post ieħor fl-istess lokalita'*"[40]. Fil-każ tat-talba tal-attur, din kienet talba għal liċenza ta' spiżerija ġdida, u mhux għar-rilokazzjoni ta' waħda li kienet diġa' liċenzjata. Huwa magħruf li nuqqas bħal dan f'azzjoni amministrativa huwa waħda mir-raġunijiet li l-Qorti tista' tintalab tistħarreġ għamil bħal dak[41];

"Illi, madankollu, minbarra dan, lanqas jirriżulta li r-raġuni l-oħra mogħtija – dik li l-post tal-attur m'huwiex bogħod f'minn tal-anqas tliet mitt metru – ma hija tajba. Id-difiża fil-mertu li jressqu l-imħarrkin hi li l-liċenza kienet inħarġet imma kienet imsejsa fuq tagħrif ħażin li tahom l-attur applikant innifsu, u għalhekk ma kellhomx għażla oħra għajr li jżommu l-konsenja taċ-ċertifikat tagħha lill-attur. It-tagħrif ħażin li l-imħarrkin jirreferu għalih hu dwar il-bogħod tal-post tiegħu mill-ispiżeriji fil-qrib. Huma jgħidu li qagħdu fuq l-affidament li l-attur kien ser jagħtihom tagħrif tajjeb;

"Illi biex isaħħu dan l-argument, l-imħarrkin jgħidu waslulhom ilmenti dokumentati mill-partijiet interessati li juru li, fil-każ ta' żewġ minn tliet spiżeriji fl-inħawi, il-bogħod minimu ta' tliet mitt metru (300m) stabilit fl-Avviż Legali ma kienx imħares, u għalhekk it-talba għall-ħruġ tal-liċenza ma setgħetx aktar tintlaqa' u li, jekk kienet diġa' ntlaqgħet, kellhom raġuni tajba biex ireġġgħuha lura. Filwaqt li l-attur ma jidhirx li jikkontesta l-fatt li l-liġi tistabilixxi r-regola tal-bogħod minimu ta' tliet mitt metru minn spiżerija għal oħra, jidher ċar li l-kwestjoni bejn il-partijiet hija t-**tifsira u l-applikazzjoni** ta' dik in-norma tal-liġi. Huwa sewwasew minħabba fil-mod kif tqies il-kejl tal-

---

[40] Reg. 2 tal-A.L. 279 tal-2007

[41] Maġ. (Għ) AE **29.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Piju Attard et vs Kunsill Lokali tal-Munxar, Ghawdex***

bogħod bejn il-post tal-attur u ż-żewġ spiżeriji tal-inħawi li nissel il-kwestjoni ewlenija bejn il-partijiet. Din hija materja li taqa' għal kollox fil-parametri ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, għaliex l-attur jgħid li l-kriterji mħaddma biex l-imħarrkin stabilew il-kejl kienu kriterji irraġonevoli u kontra l-ispirtu tal-liġi nfisha;

"Illi l-Qorti tifhem li ladarba eżerċizzju bħal dak jimplika diskrezzjoni, dan ifisser li t-twettiq ta' dik id-diskrezzjoni, għall-finijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju, tippermetti li l-persuna mogħnija b'dik is-setgħa diskrezzjonali (f'dan il-każ, l-imħarrek) ma tkunx marbuta mal-elementi oġġettivi għall-formazzjoni tal-ħsieb tagħha, li huwa fdat għall-prudenza suġġettiva ta' dik il-persuna u li timplika tabilfors element soġġettiv[42]. Madankollu, dik id-diskrezzjoni trid titwettaq fil-parametri tal-liġi li tawtorizzaha, b'mod raġonevoli, b'ekwita' u ħaqq[43] u mingħajr abbuż ta' dik l-istess diskrezzjoni[44]. Huwa magħruf ukoll li t-twettiq ta' diskrezzjoni bħal dik dettat minn xi sura ta' pressjoni jew theddid minn terza persuna inissel ċirkostanza fejn dik id-diskrezzjoni titqies li twettqet ħażin, għaliex għall-eżerċizzju tal-arbitriju ħieles u raġunat tal-persuna awtorizzata jkun daħal l-element li l-ħsieb li wassal għad-deċiżjoni kien wieħed imġiegħel;

"Illi kien għalhekk li, mal-medda taż-żmien, issawru regoli li jħarsu l-imsemmija setgħat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istħarriġ tagħhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li awtorita' li hija mogħnija b'diskrezzjoni tista' tiġi ordnata teżerċitaha f'każ li tkun naqset li tagħmel dan, imma ma tistax tiġi dettata x'għandha tiddeċiedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari. Biex jiġi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jeħtieġ li lill-Qorti jirriżultalha li dik l-awtorita' tassew qieset il-kwestjoni li kellha quddiemha, u li dan għamlitu mingħajr l-indħil tal-ebda ħaddieħor jew bla ma poġġiet lilha nnifisha f'qagħda fejn

---

[42] App. Ċiv. **30.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut noe et vs Kontrollur tad-Dwana*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.376**)
[43] App. Ċiv. **21.4.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Masini noe vs Podesta' noe*** (Kollez. Vol: **XLV.i.110**)
[44] App. Inf. **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji***

ma setgħetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni[45]. Siewi wkoll li jiġi aċċertat li l-awtorita' mistħarrġa m'għamlitx dak li kienet espressament miżmuma milli tagħmel, jew jekk għamlitx xi ħaġa li ma kinitx awtorizzata tagħmel. Fuq kollox, l-awtorita' mistħarrġa trid tkun imxiet *bona fide* u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-każ. Dawn huma, fil-qosor, il-ġabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni u ta' eċċess jew abbuż ta' dak l-eżerċizzju;

"Illi marbut sfiq ma' dawn il-prinċipji wieħed isib ukoll it-test tar-raġonevolezza tat-twettiq tad-diskrezzjoni. Dan l-aspett qiegħed jissemma għaliex il-kumpannija attriċi semmiet, fost l-ilmenti tagħha, l-irraġonevolezza tad-deċiżjoni tal-Bank imħarrek. Id-dmir li awtorita' taġixxi raġonevolment mhux l-istess bħad-dmir li taġixxi *bona fide*[46]. Għalhekk, filwaqt li mhux kull eżerċizzju raġonevoli ta' ġudizzju huwa bilfors korrett, lanqas m'huwa bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat[47]. F'każ bħal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li għandha tuża biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-deċiżjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittieħed minn persuni raġonevli;

"Illi l-kittieba awtorevoli f'dan il-qasam jgħallmu li r-rwol ewlieni tal-Qrati fid-dritt amministrattiv huwa dak li jiżguraw li ma tonqosx il-legalita' fl-għemil mistħarreġ, iżjed milli dak li jaraw li l-awtorita' pubblika mistħarrġa tkun iddeċidiet sewwa. Hekk ukoll tfissret il-qagħda f'bosta deċiżjonijiet tal-qrati[48];

"Illi r-Regolament rilevanti li jitkellem dwar it-tqassim u t-tferrix ta' spiżeriji fil-komunita' jgħid li:

*"(1) L-għadd ta' spiżeriji li tista' tinħarġilhom liċenza fil-konfini ta' xi belt jew raħal m'għandux ikun ta' inqas minn tnejn, u dawk l-ispiżeriji għandhom ikunu*

---

[45] Ara App. Ċiv. **20.5.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Cremona pro et noe*** (mhix pubblikata)

[46] Ara, per eżempju, ***R vs Roberts, ex p. Scurr*** (**1924**) 2 K.B. 695

[47] Ara, per eżempju, ***R. vs W*** **(1971)** A.C. 682

[48] Ara l-bosta riferenzi msemmija minn din il-Qorti (JZM) fis-sentenza tad-**9.6.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Debono et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et***

*jinsabu f'distanza ta' mhux anqas minn <u>tliet mitt metru bil-pass 'il bogħod minn xulxin</u>: Iżda dik id-distanza m'għandhiex tapplika fil-każ ta' spiżeriji li diġa' jkollhom liċenza dak inhar li jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti: Iżda wkoll ma tista' tiftaħ ebda spiżerija f'distanza ta' tliet mitt metru bil-pass minn xi spiżerija li tkun tinsab f'xi belt jew raħal fil-viċin.*

*"(2) F'kull belt jew raħal l-għadd ta' spiżeriji m'għandux jeċċedi l-proporzjon ta' spiżerija għal kull elfejn u ħames mitt abitant.*

*"(3) L-għadd ta' abitanti ta' belt jew raħal għandu jitqies li jkun l-għadd ta' abitanti ta' dik il-belt jew raħal skond ma jiġu pubblikati mil-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika."*

"Illi kemm ir-rapporti maħruġin mill-ispiżeriji li ressqu l-ilment għall-ħruġ tal-liċenza favur l-attur, u kif ukoll dak maħruġ mill-avukat esperta mqabbda mill-imħarrkin, juru li, bil-mod tal-kejl imħaddem minnhom, il-bogħod bejn il-post tal-attur miż-żewġ spiżeriji tal-inħawi li diġa' kellhom liċenza ma kienx jaqbeż l-imsemmija tlitt mitt metru, filwaqt li l-kejl magħmul mill-perit imqabbad mill-attur kien jaqbiżhom. Iż-żewġ partijiet kienu qegħdin iħaddmu l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi kif fehmuhom huma. Xogħol il-Qorti huwa dak li tgħid kif imissha titfisser il-liġi;

"Illi l-attur joqgħod fuq tliet argumenti ewlenin biex juri li għandu raġun dwar il-kwestjoni: l-ewwel argument tiegħu hu li meta ressaq l-ewwel talba biex tinħariġlu l-liċenza (f'Settembru tal-1987) il-liġi[49] kienet tistabilixxi bogħod ta' mitejn metru (200m) u huwa dak il-kejl li jmissu jitqies għall-finijiet tat-talba tiegħu u mhux il-kejl li daħal fis-seħħ f'liġi li bdiet titħaddem mal-għoxrin sena wara li kien ressaq dik it-talba. It-tieni argument hu li wkoll kieku kellu jitqies applikabbli għall-każ tiegħu l-bogħod ta' tlitt mitt metru, dak il-kejl irid jitqies mill-perspettiva ta' min ikun irid jimxi sal-post tiegħu u mhux billi wieħed jaqta' linja dritta bi qsim ta' toroq u pjazez bl-addoċċ jew tisrip minn qalb it-

[49] Reg 5 tal-A.L. 31/84 (Regolamenti tal-1984 dwar il-Liċenzi għall-Ispiżeriji)

traffiku. It-tielet wieħed hu li r-regolament li jistabilixxi l-bogħod minimu bejn stabiliment tal-kummerċ u ieħor huwa restrizzjoni tad-dritt ta' stabiliment bħala parti integrali mid-Dritt Komunitarju[50] u li jista' jkun ristrett biss f'ċirkostanzi partikolari;

"Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn terġa' ttenni l-argumenti magħmulin mill-attur fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, b'mod partikolari dawk mirquma b'riferenza għat-tielet argument tiegħu[51]. Hija ssemmihom u tagħmilhom tagħha. Iżżid tgħid biss li, sa minn qabel ma nfetħet din il-kawża, l-imħarrkin kien diġa' ngħatalhom ħjiel xieraq u awtorevoli biżżejjed mill-Qrati Maltin u wkoll mill-Ombudsman dwar il-mod kif kellhom iħaddmu u jfissru r-Regolamenti rilevanti, iżda ma jidhirx li laqgħu l-istedina lanqas tul iż-żmien kollu li din il-kawża kienet miexja;

"Illi, fil-fehma tal-Qorti, t-tifsira li jmissha tingħata lir-Regolament rilevanti dwar il-bogħod bejn spiżerija u oħra biex tassew jilħaq l-għan li għalih sar – jiġifieri dak li jġib l-ewwel l-interess tal-konsumatur/pubbliku in ġenerali, magħduda dawk il-persuni bi ħtiġijiet speċjali wkoll f'dak li jirrigwarda mobilita' – għandha tkun dik li tuża x-xiber tal-persuna raġonevoli. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom, l-imħarrkin itennu li din il-Qorti lanqas għandha s-setgħa li "tagħmel evalwazzjoni tal-kriterji fosthom id-distanza. L-intimat jissottometti illi tali evalwazzjoni taspetta lilu għax tifforma parti mid-diskrezzjoni amministrattiva"[52];

"Illi l-Qorti terġa' tgħid li hi ma hi bl-ebda mod imħajra li tieħu f'idejha xi setgħa jew diskrezzjoni li l-liġi tafda f'idejn l-imħarrek. Dak li l-Qorti ma tistax titwaqqaf milli tagħmel hu li ma tindaħalx minkejja li tara li l-imħarrek jinqeda bid-diskrezzjoni tiegħu u bis-setgħa tal-evalwazzjonijiet b'mod mhux raġonevoli. Is-sottomissjoni tal-imħarrek f'dan ir-rigward m'hix ta' min joqgħod fuqha u l-Qorti mhijiex sejra tilqagħha. Mingħajr ma toqgħod ittawwal ħafna, tgħid biss

---

[50] Art. 49 TFUE
[51] Paġġ. 335 sa 342 tal-proċess
[52] Paġ. 354 tal-proċess

li t-tifsira li l-imħarrek jagħti (jew aħjar, qagħad fuqha mill-persuni li qabbad *ex parte*) dwar kif irid isir il-kejl tat-tlitt mitt metru m'hijiex dik li toqgħod għall-ispirtu tal-liġi. Jidher ukoll li fuq dan il-fatt hemm diġa' deċiżjoni studjata u awtorevoli li wkoll ittenni din il-fehma u tindika x'kriterji għandhom jitqiesu biex l-eżerċizzju tal-kejl isir kif imiss u biex l-imħarrek jagħraf jirregola ruħu għal quddiem. F'dak ir-rigward ingħad li

*"Il-provvediment tal-liġi għandu jiġi interpretat bħala l-iqsar distanza bil-pass għall-pedestrians li jsegwu r-regolamenti tat-triq, u mhux ta' dawk il-pedestrians li jaħsbu li għandhom id-dritt jgħaddu minn fejn iridu u li sfortunatament hawn ħafna minnhom fit-triq. Hekk, per eżempju, jekk hemm zebra crossing, l-eżerċizzju li jrid isir għandu jieħu dan il-fatt in konsiderazzjoni. Hu evidenti li l-Awtorita' stabbiliet l-iqsar distanza bil-pass ... minn fejn jgħaddu xi pedestrians f'punt partikolari tat-triq, u mhux minn fejn għandhom jgħaddu l-pedestrians sabiex jaslu għall-ispiżerija l-oħra. Fil-fehma tal-Qorti, din hi applikazzjoni żbaljata tal-liġi u tagħti lok għal ħafna kwestjonijiet bla bżonn. Il-post minn fejn għandu jgħaddi l-pedestrian hu l-qofol"*[53]*;*

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-attur ressaq b'xhud il-perit arkitett li huwa kien qabbad biex, fost l-oħrajn, ikejjel il-bogħod bejn il-post tiegħu u l-eqreb żewġ spiżeriji. Ix-xhieda tiegħu u l-kalkoli li ħareġ f'dak l-eżerċizzju jinsabu fl-atti u jgħidu wkoll li, fuq insistenza tad-Direttur tal-Awtorita' mħarrka, saru fil-preżenza tal-istess Direttur ukoll u wera qbil ma' dan[54]. L-imsemmi Direttur, imressaq b'xhud mill-imħarrkin, imkien fl-affidavit tiegħu ma miera dawn il-fatti, li, għalhekk, wieħed jaħseb li kienu magħrufa lill-istess imħarrkin;

"Illi fid-dawl ta' dawn l-aħħar konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li ma jistax jingħad li t-tagħrif li l-attur issottometta għall-konsiderazzjoni tal-imħarrkin kien, f'xi

[53] Maġ. (Għ) AE **14.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Joanne Ċini vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika noe et*** (mhix appellata) li tat tifsira tal-kliem "*bil-pass*" li tinsab fir-Regolamenti (Reg. 2 A.L. 279/07)
[54] Xhieda tal-A.I.Ċ. Mark Camilleri 2.9.2010, f'paġġ. 78 sa 83 ta-proċess

parti minnu, tagħrif ħażin jew qarrieq. B'hekk, ir-raġuni sostantiva waħdanija li fuqha l-imħarrkin jiġġustifikaw in-nuqqas ta' ħruġ (konsenja) tal-liċenza mitluba tirriżulta li m'hijiex waħda tajba u lanqas taqbel mal-fatti tal-każ. Ukoll jekk kellu jkun l-attur li jrid jibgħat it-tagħrif tajjeb biex l-imħarrkin iqisu t-talba tiegħu għall-ħruġ tal-liċenza, xorta waħda jidher li l-attur ma bagħat l-ebda tagħrif qarrieq u l-fatt li l-imħarrek (jew terzi interessati) ma qablux mal-kriterju mħaddem biex wasal għall-kejl ma jfissirx li hu kien ta tagħrif skorrett jew qarrieq;

"Illi għalhekk, l-ewwel talba tal-attur jistħoqqilha tintlaqa';

"Illi **għal dak li jirrigwarda t-tieni talba attriċi** din trid tintrabat ma' dak li ngħad fuq it-talba ta' qabilha. Din it-talba tinbena fuq l-ewwel waħda u hija konsegwenzjali għaliha. Fl-istess waqt, il-Qorti trid toqgħod b'seba' għajnejn li fil-provvediment li hija sejra tagħti, ma taqbiżx 'il hinn mil-limiti li ssemmew aktar qabel dwar is-setgħat ta' Qorti ta' stħarriġ. Mill-bqija, madankollu, ma hemm l-ebda raġuni għaliex din it-talba wkoll m'għandhiex tintlaqa'. Il-Qorti, madankollu, ma jidhrilhiex li għandha timponi żmien perentorju kif mitlub mill-attur, għaliex dan ikun qiegħed jikkostitwixxi ndħil fil-mod kif l-imħarrek irid jaġixxi u wkoll għaliex, b'effett tal-konsiderazzjonijiet li saru aktar qabel fis-sentenza, ma għad fadal xejn aktar x'isir fil-proċess tal-ħruġ tal-liċenza lill-attur iżjed milli jintbagħat id-dokument relativ li l-imħarrek kien diġa' ffirma b'approvazzjoni u naqas milli jibgħat lill-attur. Mill-bqija, jekk kemm-il darba jirriżulta dewmien mhux mistħoqq ukoll biex jintemm dan l-istadju (minbarra d-dewmien li diġa' ġarrab l-attur), jibqa' dejjem riżervat favur l-attur ir-rimedju tad-danni maħsuba mil-liġi u li huwa diġa' għamel riżerva espressa għalihom meta fetaħ din il-kawża;

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' l-eċċezzjonijiet li qajmu l-imħarrkin dwar din it-tieni talba; "

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

"…thassar u tirrevoka d-decizjoni appellata tal-Qorti Civili Prim' Awla 'l fuq imsemmija tat-28 ta' Lulju 2011 fl-ismijiet premessi a bazi tal-aggravji hawn sollevati jew liema minnhom u hekk tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati appellanti u dan bl-ispejjez kontra l-appellat Michael Scicluna."

Rat ir-risposta tal-appell tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

"…tichad l-appell tal-appellant Suprintendent tas-Sahha Pubblika bhala Awtorita` dwar il-Licenzjar u l-istess Awtorita` dwar Licenzjar u b'hekk tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Michael Scicluna (bil-karta tal-identita` numru 92252M) v. Suprintendent tas-Sahha Pubblika bhala Awtorita` dwar il-Licenzjar u l-istess Awtorita` dwar Licenzjar** moghtija nhar it-28 ta' Lulju 2011 fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant."

Rat li minn din is-sentenza kienu tressqu tliet appelli ta' terzi, izda l-appell imressaq mill-Kamra Maltija ghall-Intraprizi Zghar u Medji (GRTU) gie dikjarat minn din il-Qorti bhala dezert fl-1 ta' Novembru 2011, filwaqt li appelli del terzo mressqa minn Margot Antoinette Tabone, bhala l-licenzjata tal-ispizerija May Day Pharmacy, u minn Martin Croucher, bhala licenzjat tal-ispizerija Felice Pharmacy, gew dikjarati nulli b'sentenza li tat din il-Qorti fil-25 ta' Novembru 2011;

Semghet id-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li wasslu ghal din il-kawza jinsabu ben delineati fil-parti preliminari tas-sentenza tal-ewwel Qorti li tinsab riprodotta bhala parti minn din is-sentenza. Fil-qosor, li gara kien l-attur applika biex tinhariglu licenzja biex jiftah spizerija fi Triq is-Santwarju, Zabbar. Wara zmien kien jidher li l-Awtorita` konvenuta kienet approvat il-licenzja,

tant li anke nkludiet l-ispizerija tal-attur fuq ir-*roster* ufficjali ta’ liema spizeriji ghandhom jifthu fil-Hdud u l-btajjel pubblici. Mhux biss il-licenzja kienet approvata izda effettivament l-approvazzjoni tal-licenzja kienet giet ukoll komunikata lill-attur li gie informat li seta jmur jigbor il-licenzja mill-ufficcju tal-Awtorita`. Meta l-attur mar biex jigbor il-licenzja din, ghalkemm redatta favur l-attur u ffirmata mill-awtorita` kompetenti, ma gietx konsenjata lill-attur li gie mgharraf li kienet qed issir investigazzjoni dwar id-distanza bejn il-post tieghu u zewg spizeriji ohra, peress illi skont il-ligi (regolament 6(c) tal-Avviz Legali 279 tal-2007), ma setghetx tinghata licenzja lill-ispizerija gdida li tkun anqas minn tliet mitt metru bil-pass ’il boghod minn spizerija ohra. L-Awtorita`, in segwitu`, irrifjutat li tikkonsenja l-licenzja lill-attur peress li qalet li fejn dan kien qed jahseb biex jiftah l-ispizerija tieghu ma kienx jissodisfa dan il-kriterju. L-Awtorita` vverbalizzat f’dawn l-atti li din kienet ir-raguni wahdanija li ghaliha ma tatx il-licenzja lill-attur (ara verbal registrat fl-udjenza tas-6 ta’ Settembru 2000, quddiem l-ewwel Qorti).

L-ewwel Qorti sabet favur l-attur ghax qieset li l-kalkoli li ghamlet l-Awtorita` sabiex waslet ghal konkluzjoni taghha ma jissodisfawx “it-test tar-ragjonevolezza” li ghandu jifforma parti minn kull decizjoni li tiehu l-amministrazzjoni pubblika.

L-Awtorita` konvenuta appellat u ressqet zewg aggravji principali; l-ewwel kontra d-decizjoni tal-ewwel Qorti li tiddetermina kellux jew le johrog licenzja, u t-tieni kontra l-mod kif l-ewwel Qorti interpretat dak li tipprovdi l-ligi dwar id-distanza.

Trattat l-ewwel aggravju, din il-Qorti trid tezamina l-materja ta’ din il-kawza mehud inkonsiderazzjoni l-fatt li mill-atti jirrizulta li da parti tal-Awtorita` l-licenzja relevanti kienet ifformulata u ffirmata mill-ufficjal kompetenti, tant li l-ispizerija li ried jiftah l-attur kienet tnizzlet fir-*roster* ufficjali tal-Hdud u btajjel pubblici li fihom kellha tiftah. Kull ma kien jonqos kien li l-attur jigbor il-licenzja kif kien informat li kellu jaghmel, izda fil-frattemp saru insistenzi minn zewg sidien ta’ spizeriji ohra fl-istess lokal, u l-

Awtorita` ddecidiet li tezamina hi d-distanza bejn il-post li kellu jservi bhala spizerija gdida u dawk ezistenti. Kif qalet l-ewwel Qorti, ghalhekk, il-punt in diskussjoni mhux jekk ghandhiex jew le tinhareg licenzja lill-attur, u l-Qorti lanqas ma giet mitluba tordna hi l-hrug tal-licenzja, izda jekk l-Awtorita` setghetx tirrifjuta li tikkonsenja lill-attur licenzja approvata, formulata u ffirmata mill-awtorita` kompetenti u li l-approvazzjoni taghha kienet giet komunikata lill-attur li gie informat li kull ma kien jonqos kien li jmur jigborha. Hu minnu li meta tezisti awtorita` mahluqa mil-ligi biex tiehu decizjoni, l-istharrig tal-qrati ma jwassal qatt biex huma stess jiehdu d-decizjoni minflok l-awtorita` kompetenti, izda f'dan il-kaz, jirrizulta li d-decizjoni li tinhareg il-licenzja kienet diga` ttiehdet. Kien, fil-fatt, diga` nhareg certifikat ghall-attur u l-Kamra tal-Ispizjara kienet ukoll diga` harget dokument li kien jghid li spizerija gdida kienet se tibda topera fl-inhawi b'effett mill-1 ta' Dicembru 2009. Mhux hekk biss, izda gie ammess minn ufficjal fid-dipartiment konvenut li l-attur kien seta' jopera l-ispizerija peress li t-talba ghal-licenzja kienet giet approvata, u gie affermat ukoll illi la darba l-ispizerija kienet imnizzla fuq ir-*roster* ghal ftuh taghha fil-Hdud u l-btajjel pubblici dan kien fisser li dik l-ispizerija kellha licenzja. L-awtorita` konvenuta kienet effettivament approvat il-licenzja lill-attur li gie nformat b'dik l-approvazzjoni. Fil-kaz **Lay Lay Co. Ltd v. L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et**, deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Frar 2011, irrizulta li l-applikazzjoni tal-permess "kienet fi stadju matur u avvanzat", izda qatt ma hareg permess taht il-firma tas-Segretarju tal-Bord relattiv, u ghalhekk, dik il-Qorti setghet tikkonkludi li l-permess kien ghadu ma harigx u allura, l-applikant ma akkwista ebda possediment. F'dan il-kaz, min-naha l-ohra, il-permess kien approvat u l-licenzja relattiva debitament iffirmata; mhux hekk biss, imma fuq kollox il-licenzja nghatat effett u tqieset li nharget mill-istess Awtorita` meta poggew l-ispizerija inkwistjoni fuq il-lista ta' dawk l-ispizeriji li kellhom joperaw, bir-*roster* fil-Hdud u l-btajjel pubblici. Ma jistax jinghad, allura, f'dawn ic-cirkostanzi, li l-permess kien ghadu *not issued*.

Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-appellant fis-sens illi billi l-licenzja ma nghatatx lir-rikorrent, allura l-attur ma kellu ebda dritt x'jivvanta. Lanqas ma jista' jigi accettat, li, bhala principju generali, il-licenzja trid tghaddi minn idejn l-Awtorita` ghal idejn l-applikant sabiex dan tal-ahhar isir "detentur tal-licenzja". Darba li ttiehdet id-decizjoni li l-applikazzjoni relattiva tigi milqugha, u l-hrug tal-licenzja gie approvat, u din l-approvazzjoni giet komunikata lill-attur li ntalab imur jigbor il-licenzja dik il-licenzja ma baqghetx "dokument passiv f'ufficcju amministrattiv", izda l-applikant sar *de jure* titolar taghha. Ovvjament, jekk jirrizulta li l-permess ikun inghata a bazi ta' informazzjoni li wara tkun tirrizulta li kienet hazina dan il-permess jista' jigi rtirat jew sahansitra mhassar, izda ma jistax jinghad li l-permess ma kienx inhareg. Il-licenzja kienet giet iffirmata mill-konvenut appellant, u c-cirkostanza li dan kien ghadu fil-kexxun tal-Awtorita`, ma jfissirx li l-permess ma kienx inghata. Licenzja jew permess jista' jew jinhareg jew ma jinharigx. Meta, bhal f'dan il-kaz, l-applikazzjoni tigi approvata u d-dokument relattiv tal-licenzja jkun gie iffirmat u t-titolari tal-licenzja jkun intalab jattendi l-ufficcju biex jigborha, in-nuqqas tat-traslazzjoni fizika tal-istess certifikat ma jwassalx ghall-konsegwenza li l-permess kien ghadu ma harigx.

Darba li jirrizulta li l-licenzja kienet approvata u fic-cirkostanzi tal-kaz odjern effettivament inharget favur l-attur, irid issa jigi mistharreg jekk l-Awtorita` kienitx gustifikata li tirtira l-istess licenzja. L-Awtorita` konvenuta tghid li l-applikant ghadda nformazzjoni hazina dwar id-distanza tal-post tieghu mill-ispizeriji fil-qrib. Kollox idur, allura, fuq l-interpretazzjoni li trid tinghata lill-provvediment tal-ligi li jimponi d-distanza ta' 300 metru <u>bil-pass</u>.

Fuq din il-materja, l-ewwel Qorti ghamlet riassaunt korrett tal-gudizzju li jrid isir mill-qrati f'kaz ta' ezercizzju ta' diskrezzjoni amministrattiva, in partikolari li d-diskrezzjoni trid tghaddi wkoll it-test tar-ragjonevolezza. Fi kliem <u>De Smith's Judicial Review</u> (6 ediz., 2007) pagna 544:

*"It is whether the power under which the decision maker acts, a power normally confirming a broad discretion, has*

*been improperly exercised or insufficiently justified. The Court therefore engages in the review of the substance of the decision or its justification."*

It-test li uza Lord Cooke biex ifisser dak li trid taghmel il-Qorti huwa dak ta' *"whether the decision in question was one which a reasonable authority could reach"* (**Baddington v. British Transport Police** 1999), li huwa sewwa sew it-test li uzat l-ewwel Qorti f'dan il-kaz meta qalet li t-tifsira li trid tinghata lir-regolament inkwistjoni "ghandha tkun dik li tuza x-xiber tal-persuna ragjonevoli". Il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni wkoll li dan ir-regolament iwassal ghar-restrizzjoni fuq id-dritt ta' kull individwu li jopera n-negozju li jrid hu, u kwindi ma ghandhiex tinghata interpretazzjoni liberali jew wiesgha b'mod li twassal ghal cahda ingustifikata tad-dritt ta' stabbiliment ta' negozju. Wiehed ukoll irid izomm quddiem ghajnejh l-interess generali, li hu l-interess pubbliku li jkollu access facli ghall-medicinali.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tara li ghandha taqbel mal-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri tat dwar meritu identiku fil-kaz **Cini v. Supretendent tas-Sahha Pubblika**, deciza fl-14 ta' April 2011, li ghaliha rriferiet ukoll l-ewwel Qorti. Parti rilevanti tas-sentenza sejra tigi issa hawn riprodotta:

*"Il-fatt li l-Awtorita` ssostni li fil-post inkwistjoni kien gie osservat kif jaqsmu t-triq in-nies, m'ghandix tkun il-prova determinanti li dik it-trajettorja hi 'the shortest walking distance'. Mill-atti hu evidenti li f'dik il-parti li dwarha nqala d-dizgwid bejn il-kontendenti u li wassal ghal din il-kawza, id-decizjoni tas-Supretendent ittiehdet biss fuq il-konsiderazzjoni bazata fuq kif jaqsam it-triq il-'pedestrian'. Fid-dawl ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-argument tal-attrici kien konsiderazzjoni rilevanti li s-Supretendent kellu obbligu li jqis. Il-provvediment tal-ligi ghandu jigi nterpretat bhala l-iqsar distanza bil-pass ghall-'pedestrians' li jsegwu r-regolamenti tat-triq, u mhux ta' dawk il-'pedestrians' li jahsbu li ghandhom dritt jghaddu minn fejn iridu u li*

*sfortunatament hawn hafna minnhom fit-triq. Hekk perezempju jekk hemm 'zebra crossing', l-ezercizzju li jrid isir ghandu jiehu dan il-fatt in konsiderazzjoni. Hu evidenti li l-Awtorita` stabbilit l-iqsar distanza bil-pass mill-fond 55, Triq il-Knisja ghal Joyce's Pharmacy, Vjal it-Tmienja ta' Settembru fuq* ***<u>minn fejn jghaddu</u>*** *xi 'pedestrians' f'punt partikolari tat-triq, u mhux minn fejn* ***<u>ghandhom</u>*** *jghaddu l-'pedestrians' sabiex jaslu ghall-ispizerija l-ohra. Fil-fehma tal-Qorti din hi applikazzjoni zbaljata tal-ligi u taghti lok ghal hafna kwistjonijiet bla bzonn. Il-post* ***minn fejn ghandu*** *jghaddi 'pedestrian' sabiex jasal minn spizerija ghall-ohra hu l-qofol. Certament li hi konsiderazzjoni rilevanti li jidher li s-Supretendent tas-Sahha injora f'dik il-parti fejn il-partijiet m'humiex jaqblu dwar minn liema punt sa liema punt kellu jsir il-kejl fl-ezercizzju biex jigi accertat jekk hemmx id-distanza ta' 300 metru mill-fond numru 55, Triq il-Knisja sa Joyce's Pharmacy. Il-mixi ghandu jsir fuq bankina, fejn tezisti, u 'pedestrian' m'ghandu qatt jaqsam it-triq b'mod dijagonali. Principji li s-Supretendent tas-Sahha Pubblika stess applika fil-kaz taghna fl-ezercizzju li sar biex jigi determinat jekk hemmx 300 metru distanza bil-mixi, bl-eccezzjoni ghal dik il-parti minn "A" sa "B" murija fil-pjanta a fol. 28 fejn jirrizulta li bbaza d-decizjoni tieghu biss fuq dak li ghamlu l-parti kbira tal-'pedestrians' li qasmu t-triq fil-gurnata jew granet fil-post xi ufficjali mill-Awtorita`. Li wiehed iqis minn fejn jghaddu n-nies hi konsiderazzjoni li tista' ssir mis-Supretendent, pero` dan dejjem mehud in konsiderazzjoni minn fejn ghandu jghaddi l-'pedestrian' meta tapplika r-regoli tat-triq. Hu b'dan il-mod biss li wiehed jista' jkollu decizjonijiet li huma uniformi u tigi evitata litigazzjoni bla bzonn."*

Id-distanza ma tridx tkun ibbazata fuq semplici process matematiku, u l-kejl irid jitqies mill-perspettiva ta' min ikun irid jimxi sal-post billi jsegwi r-regolamenti kollha tad-dritt, u mhux billi wiehed jaqta' linja dritta bi qsim ta' toroq u pjazzez bl-addocc. Kejl ma ghandux jittiehed billi tqis mixi f'nofs it-triq u billi taqsam ghad-dritt b'mod dijagonali kull fetha u triq li hemm u tinjora l-uzu tal-bankini. Biex taqsam pjazza uzata regolarment mill-*buses* wiehed ma ghandux jaqsamha b'mod dijagonali, anke jekk il-bankina

hi f’partijiet nieqsa; hu mistenni li dak li jkun jghaddi mal-genb tal-pjazza hekk traffikuza u mhux jaqta ghad-dritt.

Kif osservat il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **Galea v. Zammit**, deciza fit-30 ta’ Mejju 2001:

*“Hu car li kemm il-‘pedestrian’, kif ukoll id-‘driver’, ghandhom drittijiet u responsabiltajiet bhala* <u>*utenti*</u> *tat-triq u kull wiehed minnhom kien bil-ligi obbligat li josserva r-regolamenti li jinkombu fuqhom biex jigi assigurat illi fl-ezercizzju tad-dritt taghhom li juzaw it-triq ma jaghmlu xejn biex ifixklu lil haddiehor fl-uzu legittimu ta’ l-istess triq.”*

Hekk *pedestrian* ghandu, kemm jista’ jkun jimxi fuq il-bankina jew mal-genb tat-triq, u mhux f’nofs it-triq u jekk ikun qed jaqsam it-triq ghandu dejjem juza’ s-*subway* jew *zebra crossing* fejn dan huwa possibli. Fejn ma hemmx fejn taqsam, specjalment go fetha, jista’ jkun li l-prudenza titlob iddur mal-fetha, u mhux li taqsam l-istess dijagonalment. Ghalhekk, meta wiehed jigi biex ikejjel distanza <u>skont il-pass</u>, ma jridx jiehu d-distanza li persuna tista’ timxi fin-nuqqas ta’ traffiku fit-triq, izda l-mod li wiehed jimxi bit-toroq bit-traffiku, meta allura tkun perikoluza li taqsam it-triq.

Kif stabbiliet l-ewwel Qorti, pjazza l-Vitorja, Zabbar, m’hijiex zona pedonali, u anzi hi zona traffikuza ferm u allura persuna ragjonevoli m’ghandhiex taqsam l-istess dijagonalment, izda bil-mod u bla ghagla (“bil-pass”) billi ddur madwar l-istess. Il-ligi ma pprovdiet ebda definizzjoni tal-frazi “bil-pass”, u din trid tigi interpretata skont persuna kawta u ragjonevoli, u li ssegwi r-regolamenti tat-triq, u mhux skont kif ihobbu jaghmlu xi nies li jaghzlu li jimxu kif jaqbel lilhom.

Ir-rapport li pprezenta l-attur lill-Awtorita` fuq din il-materja kien a bazi ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, u l-Awtorita` qiesithom validi tant li approvat il-hrug tal-licenzja. Ma jistax jinghad, allura, li l-attur ipprezenta informazzjoni hazina ghall-konsiderazzjoni tal-Awtorita` u meta tqis kollox, tara’ li d-decizjoni tal-Awtorita` li twarrab dan ir-rapport ma kienitx decizjoni li persuna ragjonevoli kienet

tiehu, u kwindi tasal biex taqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut Supretendent tas-Sahha Pubblika billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza, hlief ghal dawk gia` decizi, jithallsu mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------